MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 353/2007

**A B**
**vs**
**C sive C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet isseparaw permezz ta' sentenzi moghtija minn din il-Qorti fit-30 ta' Novembru 2005, u mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' Dicembru 2006; li permezz ta' dawn is-sentenzi hu kien gie ordnat ihallas lill-konvenuta, allura attrici, is-somma ta' LM200 kull erba' gimghat bhala manteniment ghal martu u ghal binhom minuri; li sussegwentement l-attur gie boarded out mix-xoghol bir-rizultat li l-introjtu mensili tieghu gie ridott ghal LM143.88 fix-xahar; li l-attur huwa that kura medika, u mill-introjtu tieghu jrid jhallas ghall-bzonnijiet tieghu, ghal medicini kif ukoll jaghmel tajjeb ghas-self li hu kien ghamel biex ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza tas-

separazzjoni;  li l-isforzi fil-medjazzjoni ma hallewx frott, u hu ottjena l-awtorizzazzjoni sabiex jressaq l-istanza odjerna;  ghalhekk qed jitlob li din il-qorti tawtorizzah jissospendi l-hlas ta’ dan il-manteniment jew tvarja l-ammont ta’ manteniment pagabbli minnu lill-konvenuta; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li permezz taghha l-konvenuta eccepiet li mhuwiex veru li l-attur ghandu kondizzjoni medika, izda konvenjentement, wara l-ghoti tas-sentenzi, hu “deliberatament u b’ mod abuziv ra kif ghamel biex jaghmel ta’ bir-ruhu li ma jiflhax biex b’ hekk ma jhallasx manteniment, u li l-ghazla li jieqaf mix-xoghol kienet wahda unilaterali da parti tieghu, u kienet wahda kappriccjuza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tissospendi l-obbligu tieghu li jhallas lill-konvenuta manteniment ghaliha u ghal binhom minuri, jew li l-ammont jigi varjat, u dan stante tibdil fic-cirkostanzi finanzjarji tieghu.

Minn naha taghha l-konvenuta qed toggezzjoni ghal din it-talba, u ssostni li t-tibdil fl-introjtu ta’ l-attur kien wiehed kappriccjuz u ntiz sabiex jevita l-obbligu tieghu li  jhallas manteniment.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li permezz ta’ sentenza ta’ separazzjoni personali bejn il-partijiet, moghtija fid-dati fuq indikati, l-attur kien gie kkundannat ihallas lill-konvenuta s-somma ta’ LM200 kull erba’ gimghat rapprezentanti, in kwantu ghal LM150 bhala manteniment ghall-konvenuta, u LM50 bhala manteniment ghat-tifel minuri.  Dan il-manteniment kien gie komputat fuq paga annwali gross ta’ LM6,358.

Illi fit-8 ta' Marzu 2007 l-attur gie boarded out mix-xoghol ghal ragunijiet medici, bil-konsegwenza li l-introjtu tieghu gie ridott ghal €484 fix-xahar.

Illi fl-affidavit tieghu l-attur jispjega li minn din il-pensjoni kontributorja huwa jrid jhallas ghall-bzonnijiet tieghu, ghall-ispejjez tal-medicini, kif ukoll jaghmel tajjeb ghas-self li kien ghamel biex hallas l-ispejjez tal-kawzi, ukoll ghandu wahda mit-tfal tal-partijiet, li ghandha tarbija, tghix mieghu.

Illi f' din il-kawza xehed il-Konsulent Psikjatra Dr.Joseph Vella Baldacchino li kkonferma li l-attur ilu zmien ibati minn dipressjoni, anke kawza tal-inkwiet tas-separazzjoni. Dan il-konsulent kien hareg certifikat mediku fis-27 ta' Dicembru 2006, u fis-7 ta' Frar 2007, fejn ikkonferma li l-attur kien qed ibati minn din il-marda mentali, u li f' dak iz-zmien ma kienx "unfit for gainful employment." Hareg wkoll certifikat mediku fis-27 ta' Mejju 2009 li permezz tieghu l-istess Psikjatra kkonferma li l-attur "suffers from a chronic depression and has been under psychiatric treatment for a number of years. Due to a number of psychological stresses which he has had to endure, his condition has deteriorated further." [Fol.168].

**Konsiderazzjonijet tal-Qorti**

Illi din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi akkwiziti, hija tal-fehema li t-talba tal-attur ghas-sospensjoni ta' l-obbligu tieghu li jivversa manteniment lil martu, jew ghall-varjazzjoni ta' l-ammont, hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt.

Mill-provi jirrizulta car li l-introjtu li fuqu kien gie komputat l-manteniment dovut lill-attrici, kien ta' LM6,358 fis-sena; filwaqt li fil-prezent l-introjtu tieghu gie ridott ghal €465.68 fix-xahar. Inoltre, dan in-nuqqas drastiku fl-introjtu tieghu ma kienx dovut ghal xi ghazla jew kappric da parti tieghu, izda ghal marda li hakmitu u li giet certifikata mill-konsulent psikjatra fuq indikat.

Ghalhekk il-Qorti tikkunsidera xieraq u gust li l-manteniment dovut lill-konvenuta ghaliha jigi sospiz

sakemm l-attur jerga’ jkun fil-pozizzjoni li jibda’ jahdem, filwaqt li dak dovut ghat-tifel minuri jkun ta’ €100 fix-xahar.

Fil-komputazzjoni ta’ dan l-ammont il-Qorti hadet in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi: l-introjtu ta’ l-attur, komparat ma’ l-ispejjez tieghu in konnessjoni mal-bzonnijiet tieghu, u l-ispejjez tal-medicini li necessarjament irid jixtri minhabba l-marda tieghu.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici kif ser jinghad, billi tissospendi l-obbligu ta’ l-attur li jhallas il-manteniment indikat ghal martu, filwaqt li tirriduci l-ammont ta’ manteniment dovut minnu lill-konvenuta ghat-tifel minuri ghal €100 fix-xahar – u dan b’ effett mit-8 ta’ Marzu 2007, sakemm l-attur jerga’ jkun fil-pozizzjoni li jibda’ jahdem.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------